# Kuntatt

## ...ma' l-iskola t'ibnek

April 2008

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

### Infasslu flimkien

Ninsabu fit-tielet u l-aħħar term tas-sena skolastika. Bħal dan iż-żmien tas-sena nibdew proċess biex infasslu l-pjan ta' żvilupp għas-sena skolastika li jmiss. Dan il-proċess nibdewh billi nagħtu ħarsa fil-fond lejn ħidmet l-skola, naraw x'inhuma l-aħħar żviluppi fil-qasam edukattiv u nisimgħu x'għandhom xi jgħidu l-ġenituri u l-istudenti.

Matul is-sena mhux l-ewwel darba li staqsejna għall-opinjoni tagħkom dwar xi aspett partikolari permezz ta' kwestjonarji. L-istess nagħmlu ma' l-istudenti. Barra minnhekk nużaw il-kuntatt li ta' kuljum ikollna ma' studenti u ġenituri biex nifhmu aħjar x'jixtiequ mill-iskola.

Ta' għajnuna kbira jkunu wkoll telefonati u emails li nirċievu mingħandkom il-ġenituri dwar dak kollu li jkun għaddej fl-iskola u speċjalment meta minn jeddkom tevalwaw deċiżjonijiet, inizjattivi u proġetti ġodda. Fil-parti l-kbira tagħhom dawn ikunu frott il-pjan ta'żvilupp li nkunu qed nimplimentaw. Il-kummenti u l-opinjoni tagħkom jgħinuna nevalwaw ħidmietna u nfasslu pjan ta' żvilupp ġdid u aktar qrib tal-bżonnijiet ta' l-istudenti.

Permezz ta' din il-paġna nixtieq nagħmlilkom stedina biex permezz ta' telefonata, ittra, email jew tal-paġna li nedejna apposta fuq is-sit elettroniku ta' l-iskola tgħidulna liema taħsbu liema huma l-affarijiet li:

1. qed isiru b'mod tajjeb ħafna u li għalhekk għandhom jinżammu;
2. jistgħu jsiru b'mod aħjar u li għalhekk għandu jsir sforz biex jittejbu;
3. m'humiex qed isiru u li jkun ta' ġid jekk jibdew isiru.

Nirringrazzjakom tal-koperazzjoni li dejjem lesti tagħtuna biex ngħinu lil uliedna jirnexxu aħjar.

J. Micallef

Kap ta' l-Iskola

**Il-kummenti tiegħek tista' tniżżilhom fil-formola li tinsab fin-nofs ta' din il-ħarġa.**

Tel: 21642427 Fax: 21642423

Email: sanbenedittu.bco@gov.mt

Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal - Pass meqjus

Għaddew il-ħames snin. Iva, wasal iż-żmien li l-istudenti tal-ħames sena jħallu l-bank ta' l-iskola obbligatorja u jimxu għal fażi oħra importanti f'ħajjithom. Għal ħafna minnhom wisq probabbli dan se jkun l-aħħar kuntatt li se jieħdu magħhom mill-iskola. Għalhekk bix-xieraq li niddedikaw dawn l-erba' kelmiet lilhom, sew biex nawgurawlhom mill-qalb għal dak kollu li se jiltaqgħu miegħu fil-ġejjieni u anki biex nirriflettu ftit fuq dak li għadda minnhom f'dawn il-ħames snin ta' l-iskola sekondarja.
Min jaf kemm minnhom ilhom jixtiequ li tasal din il-ġurnata! L-istess entużjażmu li jridu jikbru malajr u jidħlu fid-dinja ta' l-adulti llum qabel għada, mhux dejjem iħallihom jintebħu li l-istess dinja lil hemm mill-bank ta' l-iskola ma tkunx dejjem ward u żahar bħal ma ħafna jpinġuha f'moħħhom. Dan jgħodd l-aktar għal dawk li joħorġu mill-iskola mingħajr kwalifiċi. Għad jasal iż-żmien li jibku l-ħin mhux użat tajjeb biżżejjed f'dawn il-ħames snin.
Dan hu kliem li semgħu min jaf kemm-il darba. Ma nixtiqux nispiċċaw dan il-messaġġ fuq ton negattiv. Anzi rridu f'isem l-iskola kollha nawguraw lill-istudenti tal-ħames sena l-aqwa affarijiet possibbli għal li ġej. Nifirħu wkoll lil dawk minnhom li b'deċiżjoni għaqlija se jagħżlu li jkomplu bl-istudji post sekondarji tagħhom. U lilkom ġenituri, nawgurawlkom li tkunu ta' direzzjoni tajba għalihom u li flimkien taħdmu biex il-pass li jmiss ikun wieħed meqjus u mingħajr wisq skossi.
Awguri mill-qalb.


| | |
|---|---|
| Bord Editorjali: | G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco |
| Issettjar: | P. Callus, A. Galea |
| Disinn: | R. Mamo |


## Ħarġiet kulturali fil-Birgu u xi siti ta' Din l-Art Ħelwa

Tul ix-xahar t'April, xi klassijiet tat-tieni u tar-raba' sena kellhom l-opportunità li jattendu għall-ħarġa kulturali fil-Birgu. Intagħżel il-Birgu peress li din hija belt medjavali li l-istudenti tkellmu fuqha matul numru ta' lezzjonijiet. Waqt li kienu l-Birgu, l-istudenti żaru l-Palazz ta' l-Inkwiżitur, il-Mużew "*Malta at War*", fejn l-istudenti raw film fuq il-gwerra u wara anke niżlu fix-xelters li kienu jintużaw fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. L-istudenti żaru wkoll il-mużew marittimu u xi wħud mill-istudenti żaru wkoll il-Kastell Sant' Anġlu.

Xi studenti tat-tieni klassi żaru siti storiċi li huma mħarsa minn Din l-Art Ħelwa. Qabel saru dawn iż-żjarat, is-Sur Rizzo, rappreżentant ta' din l-għaqda kien ġie l-iskola u kellem lill-istudenti dwar ix-xogħol ta' Din l-Art Ħelwa. B'hekk tul din il-ħarġa l-istudenti setgħu jaraw u jifhmu aħjar dak li qed tagħmel din l-għaqda. L-istudenti żaru l-Kappella ta' Bir Miftuħ, it-Torri ta' Wignacourt u t-Torri l-Aħmar.

Grazzi mill-qalb tmur għall-bosta għalliema oħra fosthom ta' l-Istudji Soċjali, tal-Ġeografija u d-Dipartiment tal-Malti li għenu lill-Kumitat tas-*Citizenship* biex dawn il-ħarġiet ikunu ta' suċċess.

Il-Kumitat tas-*Citizenship*

# In-Notice Board tal-Kunsill Skolastiku

## ILQUGĦ MIX-XEMX

Il-Kunsill qabel mal-proposti li flok jinxtraw tined bħal dawk li kienu għall-wiri fil-*foyer* ta' l-iskola dak inhar ta' jum il-ġenituri, jinħadmu strutturi mill-ħaddiema ta' l-iskola. Filwaqt li ser jintefaq l-istess ammont ta' flus, l-istrutturi ser ikunu iktar solidi u reżistenti għar-riħ.

## TMEXXIJA TAT-*TUCK SHOP*

Il-membri tal-Kunsill kollha esprimew ix-xewqa li matul is-sena skolastika 2008-2009, it-*Tuck Shop* ikompli jitmexxa mill-*Healthy Eating*

## KORS FL-EWWEL GĦAJNUNA

Il-Kunsill approva fondi biex ħmistax-il membru ta' l-istaff (għalliema, tekniċi, assistanti kapijiet) jattendu kors fl-ewwel għajnuna.

## Kors tat-Tifi Tan-Nar

Il-Ħamis, 3 ta'April kienet ġurnata differenti mis-soltu għal ħdax-il għalliem/a mill-istaff ta' l-iskola tagħna li ngħataw l-opportunità jattendu għal nofs ta' nhar taħriġ fuq it-tifi tan-nar.





Dan il-kors organizzat mid-Dipartiment tas-Saħħa u s-Sigurtà fl-iskola, flimkien mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kien jinvolvi kemm it-teorija, kif ukoll il-prattika. Filwaqt li s-sezzjoni tat-teorija ffukat fuq l-elementi li jikkontribwixxu għan-nar, riskji u prevenzjonijiet, is-sezzjoni tal-prattika qarrbitna aktar għall-proċeduri u l-użu professjonali tal-mezzi varji li jintużaw biex ikun ikkontrollat in-nar.

Il-kontenut kien interessanti u importanti ħafna, speċjalment meta tqis l-elementi ta' riskju u l-bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu f'ambjent ta' skola. Wieħed seta' jirrealizza li mhux biżżejjed li jkollok l-għodda kollha meħtieġa jekk ma jkollokx nies imħarrġa sabiex jagħmlu l-aħjar użu minn dik l-għodda. Il-messaġġ qawwi li ngħatajna kien sabiex qatt ma nirriskjaw aktar milli jmissna, nirregolaw kunfidenzi żejda u nkunu prudenti magħna nfusna, kif ukoll nikkumbattu BISS dak in-nar li faċilment ikun ikkontrollat bil-mezzi li jkollna.

Kienet esperjenza pożittiva ħafna, fejn stajna nirrealizzaw kemm il-membri tal-Protezzjoni Ċivili huma nies iddedikati, u li bl-impenji kontinwi u r-restrizzjonijiet li għandhom xorta sabu l-ħin biex iwasslulna din l-informazzjoni edukattiva. Ringrazzjament speċjali jmur għas-Sur Anthony Pisani (Chief fire station) u s-Sur Frank Axiaq li mexxew dan il-kors f'isem id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

R. Zammit
Għalliema Saħħa u Sigurtà

# X'tinvolvi l-biedja organika?

Fis-7 ta'April, grupp ta' studenti tal-Home Economics u ta' Eko Skola żaru razzett ġewwa l-Imselliet propju biex jitgħallmu iktar dwar il-biedja organika.  Sid ir-raba', David Mallia, kellimna dwar kif jitkabbru prodotti organiċi u liema metodi jintużaw.  L–istudenti setgħu japprezzaw ftit mill-impenn li tirrikjedi din is-sistema agrikola, billi għażqu l-ħamrija kif ukoll ġabru l-bebbux, qalgħu l-ħaxix ħażin u temgħu l-annimali.  Huma saru iktar konxji li l-metodu organiku jinvolvi ċiklu fejn il-ħaxix ħażin jinqata' u jingħata lill-annimali minflok ma jinqered b'mod artifiċjali bl-użu tal-pestiċidi.  B'dan il-mod anki l-annimali li jkunu qed jitrabbew jiġu pprovduti b'ikel organiku. Sfortunatament hawn Malta dan il-metodu ma tantx jiġi applikat.  Dan għaliex il-bdiewa jistgħu jkabbru l-produzzjoni ħafna iktar jekk jagħmlu użu minn pestiċidi li ma jintużawx f'raba' organika.  Madanakollu, kif qalilna David, prodotti organiċi huma tajbin iktar kemm għas-saħħa, kif ukoll fit-togħma.  Fl-aħħar tas-sessjoni l-istudenti setgħu jixtru ż-żejt taż-żebbuġa li ġie magħmul miż-żebbuġ tar-raba' stess.  Kienet esperjenza pożittiva ħafna kemm għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema li attendew din l-attività.

R. Balzan
Għalliema tal-*Home Economics*





# Il-Wirt Arkitettoniku Malti : wirja mtellgħa b'tislima lil Ġorġ Mifsud-Chircop

Sa mill-bidu tas-sena skolastika, id-dipartiment tal-Malti fl-iskola beda jaħdem biex itella' wirja dwar il-wirt arkitettoniku Malti. Il-ħsieb kien li l-qofol ta' din il-wirja jkun xogħol kreattiv maħdum mill-istudenti stess. Dan għaliex ilkoll nemmnu li t-tagħlim jista' jieħu xejriet differenti, 'il bogħod mill-pitazzi, il-kotba tas-soltu u l-klassi.

Ir-rispons ta' l-istudenti kien wieħed pożittiv għall-aħħar. Ħadmu mudelli ta' kull tip, kif wieħed seta' jara fl-istess wirja. Kellna ammont ġmielu ta' giren, kappelli, irziezet, imtieħen, gallariji u ħitan tas-sejjieħ. Il-mudelli kienu varjati daqs kemm kien varjat il-materjal li ntuża għalihom – ġebel, kartun, tappijiet tas-sufra, sulfarini u mitt elf ħaġa oħra.

Ma kien hemm l-iċken dubju li l-istudenti u l-għalliema tal-Malti daħlu għal dan il-proġett b'ruħhom u ġisimhom. Dan qalu kull min ra l-wirja nfisha, li ġiet esibita kemm f'Jum il-Premjazzjoni kif ukoll f'Jum il-Ġenituri. Ta' min wieħed isemmi li dan ix-xogħol ittella' b'tislima speċjali lill-folklorista Ġorġ Mifsud-Chircop, li ħalliena f'Diċembru li għadda.

Punt ieħor pożittiv kien li din il-wirja wriet kif dipartimenti differenti jistgħu jintegraw flimkien bl-istess għan aħħari f'moħħhom. Dan seħħ meta mad-dipartiment tal-Malti ngħaqad dak ta' l-Istorja li wkoll ħadem f'lezzjonijiet relatati ma' l-istess suġġett.

Prosit tassew lil kull min b'xi mod jew ieħor ta sehmu biex dan ix-xogħol jittella' b'suċċess.

M. Zahra Sacco
Għalliema tal-Malti






# KALENDARJU 2008

## *April*

21 - Il-Karta: mis-siġra għall-ktieb (Attività fil-librerija)
21-25 - Seminar fuq l-Abbuż minn Sustanzi Ħżiena (Form 1)
21-25 - Il-Ġimgħa tal-Librerija
23 - Taħriġ Professjonali għall-Għalliema (wara l-ħin ta' l-iskola)
28-30 - Kampanja kontra t-Tipjip (Form 2)
29 - Żjara ta' Trevor Żahra fil-librerija
30 - Attività tal-Proġett Shape up flimkien ma' l-iskejjel tal-bniet tal-Kulleġġ

## *Mejju*

1 - Vaganza Pubblika
5 - Sports Fest: Ġirja ta' 3km
6 - Sports Fest (Form 1)
7 - Sports Fest (Form 2)
8 - Sports Fest (Form 3 u 4)
8 - Quddiesa (Form 2)
9 - Tagħrif fuq Karrieri (ħarġa edukattiva għall-Form 4)
15 - Quddiesa (Form 3)
19-23 - Assessjar (it-tielet term)
19-23 - Seminar fuq l-Abbuż minn Sustanzi (Form 2)
22 - Quddiesa (Form 4)
22-23 - Żjara mill-Istudenti tal-Primarji tal-Kulleġġ
28 - Seminar ta' Ġurnata għall-Għalliema
30 - Laqgħa fuq l-Ippjanar ta' l-Eżamijiet tas-SEC (Form 4)
30 - Festa Ħiliet (filgħaxija) Skola Primarja Mqabba

## *Ġunju*

2 - Bidu tan-nofs ta' nhari
6 - Jum il-Premjazzjoni tal-Form 5 (filgħodu)
17-27 - Eżamijiet Annwali

# Esibizzjoni fil-Kulleġġ San Benedittu dwar l-għażla tas-suġġetti fit-2 Sena

Fl-iskola tagħna saret l-esibizzjoni dwar l-għażla tas-suġġetti għall-istudenti li qegħdin fit-2 Sena u li permezz tagħha jkunu megħjuna jagħmlu l-għażla tas-suġġetti li jixtiequ jistudjaw mit-3 sena 'l quddiem. Din is-sena din l-attività kienet fuq skala akbar minn tas-snin li għaddew billi kellna magħna wkoll l-istudenti bniet tal-Kulleġġ.

Kienu tlitt ijiem ta' attività ma taqta' xejn, bi gruppi ta' studenti u ġenituri ġejjin u sejrin. Kien hemm ħafna koordinazzjoni bejn it-tim estiż ta' għalliema tal-guidance mit-tliet skejjel sekondarji.

Kull darba kellna ġenituri li ġew għal-laqgħa li fiha ddiskutew flimkien mal-Counsellor kif jistgħu jgħinu lil uliedhom jagħmlu deċiżjoni tajba f'din l-età. Imbagħad dawn il-ġenituri ngħaqdu ma' wliedhom sabiex għamlu mawra ma' kull stend għal kull suġġett li kien armat f'kull sular ta' l-iskola. Dawn l-istends informattivi saru b'ħidma koordinata bejn l-għalliema tat-tliet skejjel. Fuq kull stend kien hemm għalliem/a ta' dak is-suġġett li tkellem ma' l-istudenti u l-ġenituri dwar is-suġġett, il-ħiliet meħtieġa sabiex wieħed jirnexxi f'dak is-suġġett u oqsma ta' xogħol li jinħtieġu l-għarfien ta' dak is-suġġett. Dawn l-istess taqsimiet jinsabu wkoll fi ktejjeb ippreparat apposta fejn ingħata tagħrif prattiku u sempliċi dwar is-suġġetti kollha.

Iżda, dawn l-għajnuniet ma kinux l-uniċi. L-għalliema tal-guidance eżatt wara dan il-jum informattiv marru f'kull klassi sabiex jaraw x'kienu l-mistoqsijiet li kellhom l-istudenti. Fl-istess żmien, l-għalliema tal-PSD kienu qegħdin jiddiskutu flimkien ma' l-istudenti dwar kif tagħmel għażla tajba. Dawk li ħassew li għandhom jiġu sat-taqsima tas-servizzi tal-guidance għal xi għajnuna individwali setgħu bħal dejjem jagħmlu dan.

R. Mifsud
Għalliem tal-Guidance





